# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tas-6 ta' Marzu 2013

## li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

(2013/119/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' tlettax-il Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2013. Jeħtieġ isir il-proċess ta' ħatriet ġodda għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2019.

(2) Ġie propost li l-mandat tas-Sinjura Mariyana KANCHEVA u tas-Sinjura Ingrīda LABUCKA kif ukoll tas-Sur Alfred DITTRICH u tas-Sur Nicholas James FORWOOD jiġu mġedda.

(3) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta l-opinjoni tiegħu dwar l-idoneità tas-Sinjura Mariyana KANCHEVA u tas-Sinjura Ingrīda LABUCKA kif ukoll tas-Sur Alfred DITTRICH u tas-Sur Nicholas James FORWOOD għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għandhom jinħatru Mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2019:

— Is-Sur Alfred DITTRICH,

— Is-Sur Nicholas James FORWOOD,

— Is-Sinjura Mariyana KANCHEVA,

— Is-Sinjura Ingrīda LABUCKA.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Marzu 2013.

*Il-President*

R. MONTGOMERY